# Xi Kittieba ta' Franza

## FENELON (1651--1715)

François de Salignac de la Mothe-Fenelon twieled fis-6 ta' Awissu 1651 fil-Kastell ta Féuelon, f'Périgord. Sa kemm kellu tnax il-sena, Fénelon baqa' jitgħallem taħt it-tmexxija ta' wieħed għaref li kien għallmu kif igħożż il-ħwejjeġ tal-qedem. Wara, kien mibgħut fl-Università ta' Cahors; wara ftit taż-żmien il-markiż ta' Fénelon, li kien jiġi z-ziju taż-żagħżugħ u li kien iħobb lin-neputi daqs għajnejh, riedu li jmur jistudja l-filosofija f'Pariġi fil-kulleġġ ta' Plassis sabiex iż-żagħżugħ ikun qribu. Għalhekk Fénelon beda' jistudja t-teoloġija u f'din mexa 'l quddiem hekk malajr li ta' ħmistax il-sena xandar taħdita teoloġika li kienet milqugħa tajjeb. Dan il-bidu hekk qawwi taż-żagħżugħ Fénelon ħasad lil Markiż; dan, imbażża' li neputih jaqa' vittma tat-tifħir, fittex li jdaħħlu mingħajr telf ta' żmien fis-seminarju ta' Saint Sulpice.

Hekk kif kien ordnat qassis, Fénelon għamel f'rasu li jsiefer lejn il-Kanada bħala missjonarju. Dal-ħsieb ma għoġobx lil niesu, u għalhekk spiċċa biex mar il-Greċja. Kellu tama qawwija li f'dan il-pajjiż ikun jista' jagħmel il-ġid, imma wara sab li kienet ħaġa tqila wisq għalih. U għalhekk reġa' lura f'artu. Hawnhekk sab rewwixta qawwija tal-protestanti u r-re, Wiġi XIV, qabbad lil Fénelon sabiex iġegħelhom joqogħdu kwieti. Wara din il-biċċa xogħol Fénelon kien imlaħħaq gvernatur tad-Duka ta' Bourgogne.

Dan it-tfajjel prinċep kien ta' natural li jwaħħxek, għalkemm imdieħen bis-sħiħ. Fénelon kellu biċċa xogħol iebsa, imma biż-żmien u bl-għajnuna ta' ħbiebu, irnexxielu jġib lid-Duka fejn ried.

Fl-1695 Fénelon laħaq Arċisqof ta' Cambrai, u għalhekk kien mġiegħel jitlaq mill-Qorti tar-Re, għalkemm baqa' jmexxi lid-Duka ta' Bourgogne xorta waħda bħallikieku kien hemm. Imma l-għaref prelat kellu 'l quddiem jitlaq kull għaqda minn mal-Qorti tar-Re.

Waħda mill-kitba tiegħu ma għoġbitx lill-Papa, u għalhekk dan ikkundannaha. Fénelon laqa din id-daqqa b'qawwa liema bħalha u ta' nisrani twajjeb li kien qagħad għal dak li qallu l-Papa.

Ir-Re min-naħa l-oħra ma kienx iħobbu wisq.

Hu minnu li Fénelon kien xi drabi jikteb kontra r-Re għalġid ta' pajjiżu, ħafna minn dina l-kitba r-re n-nifsu ma kienx jifhimha u għalhekk bdiet il-mibegħda. Meta Fénelon kiteb u tebagħ *Telemaque* xi wħud daħħlu f'ras ir-re li dan il-ktieb

kien satira tar-renju tiegħu u li hu (ir-re) kien qiegħed jidher taħt l-isem ta' Idoménée. U hawnhekk ir-Re kisirha għall-kollox ma' Fénelon.

L-aħħar ġranet ta' ħajtu għaddiehom f'Cambrai, fejn l-aħbar tal-mewt tad-Duka ta' Bourgogne, il-ħakkiem imżejjen b'kollox, qarrbitlu mewtu li waslet fuqu fis-7 ta' Jannar, 1715.

Fénelon ħalla ħafna kitba sew letterarja kemm filosofika u teoloġika. Fost ta' l-ewwel hemm it-*Taħditiet tal-Mejtin*, miktubin biex igħallmu l-Istorja lid-Duka ta' Bourgogne, u li għadhom imsemmijin sallum.

## VICTOR HUGO (1802–1885)

Victor Hugo twieled f'Besançon fl-1802. Kien iben il-Kurunell Sîgisbert Hugo u Mlle. Trébuchet, minn Nantes. Il-familja Hugo kienet ta' nisel fqir; missier il-Kurunell kien Skarpar. Semmejna dan il-għaliex Victor Hugo, ta' raġel kbir li kien imma ta' bniedem dgħajjef bħal oħrajn, kien irid igħid li hu mnissel mill-familja Hugo de Spitzemberg.

It-tfajjel Victor, flimkien maż-żewġ ħutu, Abel u Eugène, kien dejjem jiġri ma' missieru, f'naħat jew oħra ta' l-Imperu Franċiż. Fl-1811 il-Kurunell Hugo kien laħaq ġeneral u sar gvernatur fi Spanja, taħt ir-re Ġużeppi u Victor kien mdaħħal fil-kulleġġ tan-nobbli f'Madrid.

Il-waqgħa ta' Napuljun ġagħlet lil Mme Hugo u lit-tfal tagħha jerġgħu lura lejn Pariġi. Hawnhekk Victor kien mdaħħal fi skola biex jitħarreġ għall-Iskola Politeknika, imma Victor aktar kien jidha bil-poeżija milli bil-matematka. Għalkemm ċkejken, wera ħila kbira fil-kitba tal-poeżija u rebaħ bosta premijiet. Wara l-ħarġa ta' l-*Odes*, Wiġi XVIII ta' lill-kittieb pensjoni ta' elf frank, li Karlu X għamilha għaxart elef.

Ir-Rewwixta tal-1830 wasslet lill-Hugo fil-kisra mar-re leġittmu ta' Franza. Louis-Philippe, fl-1843 għolla lil Hugo man-nobbli ta' Franza, l-*Academie Francaise* kienet ġa laqgħetu fi ħdanha.

Ix-xejra demokratika ta' Hugo kienet il-ħtija li bagħtitu fl-eżilju, taħt sentenza tal-Ħakma Franċiża ta' l-1848. Dam tmintax il-sena mċaħħad minn pajjiżu u dawn is-snin Hugo għaddiehom fil-gżira ta' Jersey u f'Bruxelles; Hugo raġa' daħal f'Pariġi wara l-ġrajjiet tal-4 ta' Settembru, 1870 u wara ftit kien mtella' Senatur. L-imsemmi kittieb miet f'Pariġi fit-22 ta' Mejju 1885. Dawn li ġejjin huma l-kitba kollha ta' Victor Hugo :

1. Poeżija Lirika: *Les Odes et Ballades*, *Les Orientales*, *Les Feuilles d'Automne*, *Les Chants du crépuscule*, *Le Voix inter-*

*ieurs*, *Les Rayons et les Ombres*, *Les Contemplations* u *l'Art d'être grand-père* (miktuba meta kellu tmenin sena.)

2. Drammi : *Cromwell*, *Marion Delorme*, *Hernani*, *Le Roi s'amuse*, *Marie Tudor*, *Ruy Blas*, *Les Burgraves.*

3. Poeżiji oħra : *La Légende des siècles*, *Les Châtiments*, u *l'Année terrible (1870-71)*.

4. Rumanzi: *Han d'Islande*, *Bug-Jargal*, *Notre Dame de Paris*, *Les Miserables*, *Les Travailleurs de la mer* u *l'Homme qui rit.*

SALV. TELLUS.